**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Kummissjoni tallega li l-impożizzjoni tar-rekwiżit tan-nazzjonalità għall-aċċess għall-professjoni ta' nutar hija diskriminatorja u tistabbilixxi restrizzjoni sproporzjonata fuq il-libertà ta' stabbiliment. B'konsegwenza ta' dan ir-Repubblika tal-Latvja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni ssostni li, min-natura tagħhom stess, il-funzjonijiet li l-leġiżlazzjoni Latvjana tatribwixxi lin-nutar ma humiex relatati mal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika u li, b'konsegwenza ta' dan, l-impożizzjoni tar-rekwiżit tan-nazzjonalità għall-aċċess għall-professjoni ta' nutar ma tistax tkun iġġustifikata bl-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 51 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

**Appell ippreżentat fit-2 ta' April 2014 minn SKW Stahl-Metallurgie Holding AG, SKW Stahl-Metallurgie GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-23 ta' Jannar 2014 fil-Kawża T-384/09, SKW Stahl-Metallurgie Holding AG, SKW Stahl-Metallurgie GmbH vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-154/14 P)**

(2014/C 159/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* SKW Stahl-Metallurgie Holding AG, SKW Stahl-Metallurgie GmbH, (rappreżentanti: A. Birnstiel u S. Janka, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Gigaset AG, Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza appellata fl-intier tagħha sa fejn tiċħad it-talbiet tal-appellanti u tilqa' fl-intier tagħhom it-talbiet tal-appellanti li saru fl-ewwel istanza;

— sussidjarjament, tannulla parzjalment is-sentenza appellata;

— iktar sussidjarjament, tnaqqas, *ex aequo et bono*, il-multi li ġew imposti fuq l-appellanti fl-Artikolu 2(f) u (g) tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-22 ta' Lulju 2009;

— iktar sussidjarjament, tannulla s-sentenza appellata u tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;

— fir-rigward tal-punti hawn fuq, tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti essenzjalment jinvokaw erba' aggravji:

1. Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali hija vvizzjata bi żball ta' liġi u għandha tiġi annullata peress li ma tiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li, fil-kuntest tal-proċedura dwar il-multi, il-konvenuta kisret id-drittijiet proċedurali fundamentali tar-rikorrenti, bħad-dritt għal smigħ. Billi laqgħet l-evalwazzjoni tal-konvenuta, il-Qorti Ġenerali kisret ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-projbizzjoni ta' evalwazzjoni antiċipata tal-provi.

2. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li, bid-deċiżjoni tagħha u l-multi stabbiliti għad-diversi gruppi ta' impriżi responsabbli *in solidum*, il-konvenuta applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 101 TFUE u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha stabbilit fl-Artikolu 296 TFUE, b'mod li l-Qorti Ġenerali tat ukoll deċiżjoni żbaljata fid-dritt meta applikat il-kunċett ta' unità ekonomika u fir-rigward tal-portata tal-obbligu legali ta' motivazzjoni.

3. Permezz tas-sentenza tagħha, u peress li kkonfermat id-deċiżjoni tal-konvenuta, il-Qorti Ġenerali barra minn hekk kisret il-prinċipju ta' ċarezza tas-sanzjonijiet u ta' individwalità tal-pieni u tas-sanzjonijiet.

4. Fl-aħħar nett, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, b'mod żbaljat fid-dritt, is-sottomissjonijiet supplimentari tagħhom bħala ġodda, u għaldaqstant inammissibbli, minkejja li huma kienu diġà qajmu tali ilmenti fir-rikors tagħhom.

---

**Appell ippreżentat fl-4 ta' April 2014 minn Pesquerias Riveirenses, S.L. *et* mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fis-7 ta' Frar 2014 fil-Kawża T-180/13, Pesquerías Riveirenses *et* vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-164/14 P)**

(2014/C 159/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Appellanti:* Pesquerias Riveirenses, S.L., Pesquera Campo de Marte, S.L., Pesquera Anpajo, S.L., Arrastreros del Barbanza, S. A., Martinez Pardavila e Hijos, S.L., Lijo Pesca, S.L., Frigorificos Hermanos Vidal, S.A., Pesquera Boteira, S.L., Francisco Mariño Mos y Otros, C.B., Juan Antonio Pérez Vidal y Hermano, C.B., Marina Nalda, S.L., Portillo y Otros, S.L., Vidiña Pesca, S.L., Pesca Hermo, S.L., Pescados Oubiña Perez, S.L., Manuel Pena Graña, Campo Eder, S.L., Pesquera Laga, S.L., Pesquera Jalisco, S.L., Pesquera Jopitos, S.L. u Pesca-Julimar, S.L. (rappreżentant: J. Tojeiro Sierto, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

Tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali li jiddikjara l-inammissibbiltà tar-rikors għal annullament ippreżentat mill-appellanti kontra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 40/2013, tal-21 ta' Jannar 2013 ([1]), u tadotta deċiżjoni ġdida li tiddikjara l-ammissibbiltà ta' dak ir-rikors.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Eżistenza tal-interess dirett – ksur tal-Artikolu 263 TFUE

Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jipprovdi li *"[k]walunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' [...] tressaq appell kontra [...] att regolatorju li jirrigwardha direttament u li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni"*. Għal dan il-għan, l-interess dirett u l-assenza ta' miżuri ta' implementazzjoni huma żewġ rekwiżiti differenti, u l-kwistjoni tal-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istat, essenzjali sabiex jiġi ddeterminat l-interess dirett fir-rigward tal-att ikkontestat, hija għall-kuntrarju irrilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk l-att nazzjonali għandux in-natura ta' "miżur[a] ta' implimentazzjoni" għall-finijiet tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

L-appellanti jqisu li hemm interess dirett ċar bejnhom, bħala sidien ta' bastimenti tas-sajd speċjalizzati fil-qbid tal-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*), u r-Regolament li jistabbilixxi u li jillimita l-qbid ta' din l-ispeċi. Il-ġestjoni tal-istokk tal-istokkafixx issir kull sena mill-UE permezz tat-TACs (total ta' qbid ammissibbli) u skont l-appellanti l-istabbiliment ta' dawn it-TACs ma huwiex korrett peress li ma jieħux inkunsiderazzjoni l-aħħar rakkomandazzjonijiet xjentifiċi eżistenti, u għaldaqstant, il-fatt li l-istokkafixx jiġi ġġestit bħala stokk uniku u mhux bħala żewġ stokkijiet differenti jwassal sabiex it-total ta' qbid ammissibbli huwa inqas minn dak li jkollu jiġi attribwit lill-appellanti li kieku l-istokk kellu jiġi ġġestit separatament fit-Tramuntana u fin-Nofsinhar. F'dan l-istabbiliment tat-TAC, ma jista' jkun hemm ebda intervent la fir-rigward ta' assenjazzjoni sussegwenti tal-possibbiltajiet ta' sajd min-naħa tal-Istati u lanqas fir-rigward tal-metodu ta' ġestjoni użat għad-distribuzzjoni tagħhom peress li din tal-aħħar dejjem hija bbażata fuq it-TAC inizjalment stabbilit mill-UE u għaldaqstant l-unika għażla jew alternattiva li l-appellanti għandhom sabiex juru n-nuqqas ta' qbil tagħhom ma' dan it-TAC u mal-metodu ta' stabbiliment tiegħu jew mal-ġestjoni tas-sajd huwa li jippreżentaw rikors quddiem il-qrati Ewropej.

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 40/2013, tat-21 ta' Jannar 2013, li jiffissa għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati [jew għal ftehimiet internazzjonali] (ĠU L 23, p. 54).

---